ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 45    IT-TNEJN, 04 TA' ĠUNJU 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 4 ta' Ġunju 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia
Robert Reno Cremona – Kunsillier (attenda fis-7.20pm)
Josef Aquilina – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Renald Falzon – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żagħżagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**45/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**45/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Renald Falzon u Martina Brancaleone li ma setgħux jattendu l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard u eżamiijiet rispettivament. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**45/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 44**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 44 li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 44 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**45/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**45/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**45/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** sostna li l-attivitajiet ta' Jum Ħal Qormi kienu suċċess u l-Kunsill irċieva kliem ta' tifħir kbir. Is-Sindku Jesmond Aquilina xtaq jirringrazzja lill-għaqdiet kollha li pparteċipaw kif ukoll lill-ħaddiema tal-Kunsill li ilhom jaħdmu fuq dawn l-attivitajiet għal dawn l-aħħar erba' xhur.

**45/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill talba biex il-Kunsill jalloka posta fejn kien hemm l-klabb ta' Qormi FC fi Pjazza San Franġisk (Triq il-Kbira). Is-Sindku spjega li din il-posta minn dejjem kienet tkun allokata iżda peress li l-każin m'għadux f'dak il-post, qed titressaq din it-talba biex din il-posta tiġi allokata lill-istess persuna li kienet tapplika għaliha fil-passat. Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li jżomm id-dritt li jista' jirrifjuta li jinħareġ il-permess fis-snin li ġejjin.

**45/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-perit tal-Kunsill dwar proposta biex jitneħħa kull allegat periklu mill-monument ta' Indri Brincat. Il-proposta tikkonsisti billi jsir railing mad-dawra tal-monument fejn ma jkunx aċċessibbli għat-tfal. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**45/04/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi kif ukoll mis-Soċjeta Filarmonika Pinto dwar talbiet għal no objection tal-Kunsill rigward attivitajiet relatati mal-festa ta' San Sebastjan. Fost it-talbiet hemm talba biex jintrama l-planċier fi Triq San Sebastjan u għaldaqstant it-triq tkun magħluqa bejn is-Sibt 7 ta' Lulju (wara nofsinhar) u l-Ħadd 15 ta' Lulju (wara l-festa). Is-Sindku Jesmond Aquilina ħareġ bil-proposta biex jitnaqqas l-inkonvenjent lil min jagħmel użu mit-Trasport Pubbliku u minħabba li se jkun hemm t-triq magħluqa mhux se jkun hemm serviżż tat-trasport pubbliku fuq ċertu Bus Stages, il-Kunsill jipprovdi servizz ta' shuttle billi jwassal lill-pubbliku li jkun fuq dawn l-istages sal-Park and Ride f'ċertu ħinijiet tal-ġurnata. Il-Kunsill approva *nem.con* u għandhom jinħarġu kwotazzjonijiet għal dan is-servizz. Il-Kunsill qabel unanimament ukoll li jsiru tabelli li juru Diversions f'ċertu postijiet strateġiċi.

**45/04/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza miill-PBS dwar attivita' konġunta mal-Kunsill Lokali relatata mal-logħob tat-Tazza tad-Dinja. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa billi jħallas Eur600 u l-ispejjeż tal-Pulizija.

**45/04/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza tal-President tal-Malta fejn kitbet lis-Sindku ta' Lisbona u pproponiet li jsir ġemellaġġ ma' Ħal Qormi, anke peress li hemm rabta storika bejn iż-żewġt ibliet peress li l-Gran Mastru Manuel Antonio Pinto da Fonseca li kien proprju ta t-titlu ta' belt lil Ħal Qormi, kien minn Lisbona. Is-Sindku spjega li fil-laqgħa li jmiss se jressaq mozzjoni biex isiru l-proċeduri formali ħalli l-Kunsill ikun jista' jiftaħ diskussjonijiet mal-Belt Kapitali tal-Portugal.

**45/04/07** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq invit mill-Kumitat tar-Reġjuni Ewropej dwar il-*European Forum on Holy week and Easter Celebrations*. Il-Kunsill qabel unanimament biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jipparteċipa u jidħol membru f'din in-*network* li hija ta' rilevanza kbira għal Ħal Qormi peress li l-lokalita' tagħna hija popolari ħafna għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir.

**45/04/08** **F'dan l-istadju tal-laqgħa (7.20p.m.) attenda l-Kunsillier Robert Cremona**

**45/05** **RAPPORTI**

**45/05/01** **TIĠDID TAL-KUNTRATT TAL-KNIS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li dan il-kuntratt fadallu sena u skada proprju fil-31 ta' Mejju. Is-Sindku ressaq rapport dwar dan is-servizz fejn fih hemm elenkat numru kbir ta' ilmenti fejn jirrigwarda s-servizz ta' knis ta' Part 2. Is-Sindku Jesmond Aquillina ppropona li Part 2 tiġi mġedda bi tlett xhur biss. Iżda wara diskussjoni twila mill-kunsilliera kollha preżenti, is-Sindku ressaq il-mozzjoni li ġejja.

**DOK 'B'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex il-kuntratt ta' Part 2, ma jiġix mġedded u tinħareġ offerta mill-ġdid filwaqt li għandu jingħata servizz ta' emerġenza mill-kuntrattur ta' Part 1 li l-kuntratt tiegħu ġie mġedded.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsillier (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**45/05/02** **PERFORMANCE TAL-KUNTRATTUR DWAR IL-KUNTRATT TAŻ-ŻAMMA U MANUTENZJONI TA' ĠONNA U SOFT AREAS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li s-servizz ta' dan il-kuntratt mhuwiex sodisfaċenti. Is-Sindku sostna li hemm bżonn li l-kuntrattur jiġi mwissi b'mod formali għaliex anke wara li ntbagħtet korrispondenza dan l-aħħar ma ntwera l-

ebda progress.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex il-Kunsill joħrog Default Notice lil dan il-kuntrattur.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsillier (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**45/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**45/06/01 RAPPORT MILL-KUNSILLIERA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qabel ma stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom, huwa ressaq żewġ rapporti:

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq rapport dwar il-proġett ta' Triq San Sebastjan fejn qed jirrakkomanda li dan il-proġett jiġi inawgurat il-Ġimgħa ta' 19 ta' Ottubru 2018, u li għalih jiġi mistieden il-Prim Ministru biex jinawgura l-proġett. Il-Kunsill qabel nem.con

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq rapport dwar talba biex jinqalgħu s-siġar tat-Triq 25 ta' Mejju iżda peress li l-ERA kienet diġa rrifjutat din it-talba fil-passat, għandu jsir disinn biex titneħħa l-bankina u minflok isiru bollards. Il-Kunsill approva li jressaq ir-rakkomandazzjoni lill-perit tal-Kunsill għal evalwazzjoni u implimentazzjoni.

**Ħadd mill-Kunsillier ma kellhom rapporti xi jressqu.**

**45/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MEJJU 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2018, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u

wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Mejju 2018
**b)** *Bank Payments* Mejju 2018
**c)** *Petty Cash* Mejju 2018

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**45/08 MOZZJONIJIET**

**45/08/01 MOZZJONI 82/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi lill-Kunsill Lokali jipprovdi għal 15 il-għatu tat-tappieri għal-antarjoli lill-Għaqda Armar San Sebastjan fi Pjazza Narbona, x-xogħol fuq dawn it-tappieri se jsir mill-istess Għaqda l-ispiża tkun madwar €90.00 kull għatu, b'total ta' €1,350.*

**DOK 'D1'**

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 82/2018.

**45/08/02 MOZZJONI 83/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-**Kunsillier Ralph Puli** iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Billi l-Kunsill Lokali Ħal Qormi huwa kommess li joffri ħajja ta' serħan il-moħħ u kwalita aħjar lill-anzjani residenti f' Ħal Qormi u lill-familji tagħhom.*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi jressaq talba lill-Gvern Ċentrali biex bl-appoġġ tal-Kunsill Lokali jaħdem biex f'Ħal Qormi jkollna dar għall–anzjani biex permezz ta' din id-dar l-anzjani tagħna jibqgħu jgħixu fil-komunità u fil-lokalità tagħhom.*

**DOK 'D2'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 83/2018.

**45/08/03 MOZZJONI 84/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-**Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Fid-dawl li fil-jum tal-25 ta' Mejju l-Kunsill Lokali Qormi jorganizza ċ-ċelebrazzjonijiet u attivitajiet biex jitfakkar Jum Ħal Qormi, b'rispett u b'rikonoxximent lejn kull Kunsillier li jkun serva fi kwalunkwe leġislatura ta' dan il-Kunsill Lokali, nipproponi li għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-unuri organizzata mill-Kunsill Lokali jibdew jintbagħtu inviti u jiġu mistiedna l-Kunsilliera kollha li qatt servew f'dan il-Kunsill.*

*Din l-istedina mhux se tinvolvi spejjeż lill-Kunsill Lokali għajr ftit xogħol amministrattiv u ftit inviti iżda nemmen li bi stedina bħal din se nkunu qed noħolqu opportunita' darba f'sena fejn inlaqqgħu eks-Kunsilliera flimkien u fejn il-Kunsill Lokali li jkun preżenti jzomm kuntatt ma' dawk kollha li jkunu servew f'xi leġislatura jew oħra.*

*Nipproponi wkoll li bħal ma' l-bini tal-Kunsill Lokali tagħna ġie mżejjen b'opri t'arti u lapidi li jfakkru s-Sindki li servew u dawk rebbieħa ta' Ġieħ Ħal Qormi, jinstab post fejn*

*jitwaħħlu inkwadri bir-ritratt tal-ġurament tal-ħatra ta' kull Kunsill Lokali li serva sa mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi mill-1994 sal-lum.*

**DOK 'D2'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 84/2018 fejn ġie maqbul li jsiru wkoll ritratti ta' kull Sindku li serva fil-Kunsill Lokali Ħal Qormi..

**45/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2018 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:05 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 2 ta' Lulju 2018.**